# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016**

**Talba Nru: 494/2015/VG**

**Joseph Borg [ID. 365478M] f'ismu proprju u ezercenti l-kummerc taht l-isem A & J Quality Products**

**Vs**

**Ludwig CALLEJA u b'digriet datat 23 ta' Settembru, 2015 gie kjamat fil-kawza Keith BALZAN GERA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-16 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf erba' mija sebgha u disghin euro u tlieta u tmenin centezmi ta' euro [€1,497.83c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Peress illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' €1,497.83c, rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija rigwardanti l-fattura numru 44144.

Ghalkemm l-intimat gie interpellat biex ihallas, huwa baqa inadempjenti.

Illi ghalhekk l-intimat ghandu jigi dikjarat debitur tar-rikorrenti debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' elf erba' mija u sebgha u disghin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€1,497.83c).

Bl-imghax legali relattiv mit-12 ta' Dicembru, 2013 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha tal-proceduri, kontra l-intimat, li minn issa jibqa ngunt ghas-subizzjoni tieghu".

**Ra r-risposta tal-intimat minnu pprezentata fid-29 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li n-negozju ma sarx ma' l-esponent personalment.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa responsabbli ghal kreditu tar-rikorrenti, Keith Balzan Gera (ID. 0502789(M)) ta' 75, Triq Brighella, Santa Venera li ghandu jigi kjamat in kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent, in pessima ipotesi ghandu jwiegeb biss ghal nofs il-kreditu li talvolta jirrizulta dovut lir-rikorrenti.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jispetta lir-rikorrent jipprova l-kreditu dovut minnu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

**Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza minnu pprezentata fit-28 ta' Ottubru, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> "Illi t-talbiet fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li hu ma kellux rapport guridiku mal-attur fuq negozju li kellu ma Ludwig Calleja".

Ra li skont il-verbal tad-29 ta' Ottubru, 2015 Dr. Franco Galea ghall-intimat Ludwig Calleja iddikjara li l-ammont reklamat huwa dovut fl-intier tieghu u ma jehtiegx li titressaq prova dwar l-ammont mitlub. Il-kontestazzjoni tal-intimat pero hija li dan l-ammont huwa dovut nofsu minnu u nofsu mill-kjamat fil-kawza Keith Balzan Gera u dan peress li bejniethom kien jezisti ftehim ta' shab indaqs.

Il-kjamat in kawza waqt l-istess seduta iddikjara li filwaqt li huwa jaqbel li kien hemm arrangament partikolari fuq xogholijiet ohrajn, fuq din ma kellux x'jaqsam mal-intimat.

Ra l-verbal tal-11 ta' Lulju, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta' €1,497.83c, rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija rigwardanti l-fattura numru 44144. L-intimat

laqa' din it-Talba billi qal li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li n-negozju ma sarx mieghu personalment izda ma Keith Balzan Gera u talab li dan jigi msejjah fil-kawza. Qal ukoll li in pessima ipotesi huwa kellhu jwiegeb biss ghal nofs il-kreditu li talvolta jirrizulta dovut lir-rikorrenti li jispetta lilu jipprova l-kreditu dovut. Il-kjamat fil-kawza da parti tieghu qal li t-talbiet fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li hu ma kellux rapport guridiku mar-rikorrenti fuq negozju li kellu ma Ludwig Calleja.

Ikkunsidra;

2. **Xehed Justin Farrugia** *salesman* mar-rikorrenti. Qal li l-intimat Ludwig Calleja huwa klijent taghhom u kien ha xi xoghol ta' l-elettriku minghandhom. Huwa pprezenta sitt dokumenti li gew immarkati bhala dok. JB1 sa JB6. Qal li l-kont jghajjat lil intimat Ludwig Calleja u li dawn id-dettalji kien taghhomlu l-istess intimat meta huwa kien mar *on site* gewwa San Giljan sabiex jaghtih l-ordni ta' l-affarijiet. B'referenza ghad-dok. JB1 ix-xhud qal li din hija *credit note* ta' hdax-il *consumer unit* li kien ta lura l-intimat lir-rikorrenti. Dok. JB 2 hija fattura datata 24 ta' Ottubru, 2013 ghal *double socket outlets*. Dok. JB3 hija fattura ohra ukoll mahruga fuq l-intimat fit-12 ta' Novembru, 2013 ghal xiri ta' diversi oggetti ta' l-elettriku. L-istess haga dok. JB 4. Dok. JB 5 huwa l-i*statement* u li fih hemm inkluz ukoll il-*credit note* filwaqt li dok. JB 6 huwa l-ammont li kien ghad fadallu jaghti l-intimat lir-rikorrenti u cioe l-ammont ta' €1,497.83c.

   In kontro-ezami qal li d-*delivery* ta' l-oggetti kien ghamilha hu u kien hadha gewwa San Giljan. Qal li l-kjamat fil-kawza kien iffirmalu li kien ircieva xi materjal u dan wara li x-xhud kien cempel lill-intimat biex jinfurmah li kien sejjer jehodlu l-materjal u dan infurmah sabiex ihalliehom mal-kjamat fil-kawza. Muri d-dok. JB 3 huwa qal li dik il-kitba kienet tal-kjamat fil-kawza. Fil-fatt il-kjamat in kawza kien ircieva zewg konsenji. Lill-kjamat fil-kawza huwa kien kellmu biss

*onsite*. Mistoqsi ghar-rigward ta' min kien tah id-dettalji ta' l-intimat, ix-xhud qal li kien l-istess intimat. L-istess haga ghar-rigward ta' l-ordnijiet li saru. Dawn dejjem hadhom minghand l-intimat. Il-kjamat fil-kawza, kompla jghid ix-xhud, qatt ma tah ordnijiet u qatt ma qallu sabiex jaghmel xi oggetti fuq il-kont tal-intimat. Ghar-rigward ta' l-ordni l-kbira msemmija fil-fattura immarkata bhala dok. JB 3, ix-xhud qal li dik kien mar biegha *on site* u dar oggett oggett mal-intimat. Mistoqsi jekk kienx hemm il-kjamat fil-kawza *on site* dak in-nhar li giet ikkonsenjata din l-ordni, ix-xhud qal li ma kienx cert. Mistoqsi jekk kienx jaf jekk l-intimat kellhux xi zewg xogholijiet fil-vicinanzi ta' xulxin ghaddejjin fl-istess waqt, ix-xhud qal li jista jkun li l-intimat jew il-kjamat fil-kawza qalulu hekk.

3. **L-intimat** xehed u qal li hu u l-kjamat fil-kawza kienu shab fil-blokka ta' appartamenti gewwa San Giljan. In sostenn ta' dan, l-intimat wera' lit-Tribunal "*cekk vojt bl-isem Mr Ludwig Calleja and Mr. Keith Balzan*" (fol. 37). Dan ic-cekk kien jirreferi ghal kont numru 40021619278 u huwa mahrug mill-Bank of Valletta plc fergha ta' Dragonara Road, San Giljan. L-intimat esebixxa ukoll *cheque book* u l-kitba fuq il-mamma tac-cekk datata 1 ta' Gunju, 2013 hija tal-kjamat fil-kawza u tirreferi ghal hlas tal-paga ta' Alex li kien jahdem maghhom. Zied ighid li fit-23 ta' Awwissu 2013 inhareg cekk iehor lil Simon li kien qieghed il-madum u li l-mamma ta' dan ic-cekk hija ukoll miktuba mill-kjamat fil-kawza. Il-klijent taghhom f'dan il-kaz kien certu Joe Camenzuli. Mistoqsi in kontro-ezami jekk ic-*cheque book* baqax fil-pussess tieghu, huwa wiegeb fl-affermattiv. Huwa innega dak suggerit lilu mid-difensur tal-kjamat fil-kawza li c-*cheque book* kien sar fuq isem il-kjamat in kawza u fuqu minhabba numru ta' sekwestri li kien hemm fuqu. Huwa qal li Simon tal-madum jahdem ghal rasu filwaqt li Alex kien jahdem maghhom it-tnejn. Huwa qabel mal-mistoqsija tad-difensur tar-rikorrenti li d-dettalji li kien hemm fuq il-fattura a fol. 19 (dok. JB1) tal-process kienu inghataw minnu lil Justin Farrugia ghan-nom tar-rikorrenti.

4. **Il-kjamat fil-kawza** xehed u qal li huwa qatt ma kellem lir-rikorrenti personalment izda kien kellem lis-*salesman* ta' A&J Quality Products. Huwa kien kellem lil dan is-*salesman* ghar-rigward ta' xoghol li kien hemm f'binja ohra izda mhux fuq il-materjal li intuza ghall-binja ta' San Giljan u li dwarha saret din il-kawza. Kompla jghid li f'okkazzjoni minnhom, l-intimat kien qallu li huwa kellhu appuntament l-isptar u li ma kienx ser ilahhaq jkun prezenti meta s-*salesman* tar-rikorrenti kien sejjer bl-oggetti mixtrija fuq il-post. Ghalhekk talbu sabiex jattendi u jghodd il-kwantitajiet mieghu. Huwa qal li hu u l-intimat kienu jaghmlu xi xogholijiet flimkien izda "*d-decizjoni ta' liema xogholijiet konna naghmlu flimkien jew le kienu jappartjenu lill-intimat Ludwig Calleja, dan peress li hu kellu l-haddiema tieghu*" (fol. 39C). Huwa qal li fil-blokka ta' San Giljan ma kien hemm l-ebda ftehim bhal dan bejniethom. Qal li dak-in-nhar huwa kien qieghed jahdem gewwa blokka ohra f'San Giljan, vicin id-Dean Hamlet u dik il-bicca xoghol kien qieghed jaghmilha bi shab ma' l-intimat. Qal li wara li s-*salesman* gab l-affarijiet u huwa ghaddhom mieghu, dawn l-istess oggetti iddahhlu fil-blokka li huwa ma kellhu x'jaqsam xejn maghha. B'referenza ghall-kont bankarju komuni ta' bejniethom, il-kjamat fil-kawza qal li "*l-intimat kien qalli li kontrih kien hemm diversi sekwestri u allura ma setghax jahdem. Huwa kien qalli sabiex niftah dan il-kont halli jkun jista jahdem minflok. Kien ghalhekk li huwa qalli wkoll li c-cekkijiet kellhom johorgu fuq ismi u dan minhabba dawn is-sekwestri l-istess haga biex niffirmahom jiena ghax inkella jibbansjaw*" (fol. 39C-39D). Qal ukoll li missieru beda jiddeposita xi ammonti ta' flus go dan il-kont sabiex ikunu jistghu jahdmu izda sal-lum kien ghadu ma ha xejn lura minn dawn l-ammonti. Il-kjamat fil-kawza esebixxa dokument KBG1 flimkien ma *cheque images* u qal li l-intimat baqa johrog cekkijiet wahdu min dan il-kont wara li huwa kien ghalqu fejn jirrigwarda lilu u dan peress li ma baqghux aktar shab f'certu xoghol. Il-kont ma

setghax jinghalaq kompletament ghax ried il-firma ta' l-intimat ukoll, haga li ma saritx.

5. It-Tribunal ra ukoll ix-xhieda li kienu taw l-intimat u l-kjamat fil-kjamat quddiem dan it-Tribunal diversament ippresedut fil-kawza fl-ismijiet Ludwig Calleja vs Carol Urry (Talba Nru. 341/2013) deciza fit-28 ta' Jannar, 2015. Fis-16 ta' Dicembru, 2014 il-kjamat fil-kawza Keith Balzan Gera qal li huwa kien jahdem ma l-intimat odjern Ludwig Calleja. Qal li huwa ma kienx iddiskuta mal-konvenut il-kont ta' Carol Urry peress li dak iz-zmien "*konna ghadna ma nahdmux bi shab*" (fol. 30). Qal li beda jahdem bi shab mal-intimat madwar sitt xhur wara li kien spicca x-xoghol li kellhu l-intimat ghand Carol Urry u waqaf jahdem mieghu bhala shab madwar Gunju, 2014.

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Il-kwistjoni f'dan il-kaz ma hijiex il-kont. Dan jirrizulta dovut. L-intimat anzi jammettieh skont ma jirrizulta mill-verbal datat 29 ta' Ottubru, 2015 (fol. 14). Il-kwistjoni hija bejn l-intimat u l-kjamat fil-kawza. Dan fis-sens li filwaqt li l-intimat jghid li huwa kien shab mal-kjamat fil-kawza f'din il-bicca xoghol li ghaliha uzaw l-oggetti li inxtraw minghand ir-rikorrenti u ghalhekk kull wiehed minnhom irid ihallas nofs l-ammont reklamat, il-kjamat fil-kawza jghid li huwa ma ghandu jaghti xejn l-ghaliex ghalkemm huwa minnu li kien hemm xi xogholijiet li hu u l-intimat hadmu bi shab, din tal-lum ma hijiex wahda minnhom.

7. Fil-proceduri l-ohra[1] quddiem dan it-Tribunal diversament kompost kien xehed il-kjamat fil-kawza odjern nhar is-16 ta' ta' Dicembru, 2014 u fost affarijiet ohra qal li "*jiena nikkalkula li ilna li spiccajna minn Gunju ta' din is*-*sena u cioe madwar sitt xhur*" (fol. 30). "Gunju

[1] Ludwig Calleja vs Carol Urry (Talba Nru. 341/2013) deciza fit-28 ta' Jannar, 2015

ta' din is-sena" hija referenza ghal-2014 meta kien xehed hu quddiem it-Tribunal.

8. Id-dokumenti kollha esebiti minn Justin Farrugia (fol. 19 sa 24) kollha jirreferu ghal qabel dan il-perjodu u ghalhekk it-Tribunal qieghed jifhem, anke a bazi tax-xhieda moghtija mill-kjamat fil-kawza kif hawn fuq riportata, li l-intimat u l-kjamat fil-kawza kienu f'dak iz-zmien shab fix-xoghol. Il-problema li hemm hija li l-kjamat fil-kawza sostna li l-ftehim ta' shab taghhom ma kienx japplika ghal kull bicca xoghol li kien ikollhom izda kienu jkunu shab fuq bicca xoghol partikolari. Dan il-kaz, sostna l-kjamat fil-kawza ma kienx wiehed minnhom.

9. Mid-dokumenti esebiti, jirrizulta li hemm kont komuni bejn il-partijiet mizmum mal-Bank of Valletta u li anke *cheque book* komuni hemm. L-intimat bl-ebda mod ma ikkontradica dak li qal il-kjamat fil-kawza fuq dan il-punt. Pero, kif diga inghad, il-kjamat fil-kawza jghid li l-ftehim ta' shubija bejniethom kien *on a case by case basis*. Kien ghalhekk imiss lill-intimat li jipprova li dak li kien qieghed jallega l-kjamat fil-kawza u cioe li din il-bicca xoghol ma kienitx ittiehdet bi shab bejniethom ma kellhiex mis-sewwa. L-intimat, fil-fehma tat-Tribunal ma rnexxielhux jilhaq il-grad rikjest ghal konvinciment morali tieghu sabiex jeghleb dak li sostna l-kjamat fil-kawza. L-intimat ma cahadx li kien hemm bicctejn xoghol ghaddejjin f'daqqa San Giljan, wahda fejn ittiehed il-materjal in kwistjoni u ohra fejn id-Dean Hamlet. Kienet din l-ahhar bicca xoghol li skont il-kjamat fil-kawza kienet qeghda tinhadem bi shab bejn il-partijiet. It-Tribunal, huwa tal-fehma li din il-bicca xoghol li kienet qeghda issir gewwa San Giljan ma kienitx bi shab, u li l-oggetti li inxtraw minghand ir-rikorrenti kienu biss ghal uzu esklussiv tal-intimat. Ma hemm xejn x'jindika fl-atti processwali li dan mhux il-kaz. Ghalhekk, l-intimat ma rnexxielux jissodisfa lit-Tribunal l-ghala l-kjamat fil-kawza ghandu jhallas sehemu mill-ammont dovut. Konsegwentement, it-

Tribunal sejjer jillibera lill-kjamat fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju.

10. Illi dwar l-ammont ma hemmx kontestazzjoni kif diga rajna skont ma jirrizulta mill-verbal datat 29 ta' Ottubru, 2015 (fol. 14).

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat Ludwig Calleja, qieghed jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-kjamat fil-kawza Keith Balzan Gera u konsegwentement jikkundanna lill-intimat Ludwig Calleja jhallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf erba' mija sebgha u disghin euro u tlieta u tmenin centezmi ta' euro [€1,497.83c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mit-12 ta' Dicembru, 2013 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-kjamat fil-kawza huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**